**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**
**Diarra Seydou**

Illum 8 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Diarra Seydou** ta' 27 sena, Nazzjonalita Mali, bin Mobido Diarra u Korotoymou, imwieled Boni Mopti Region, Malinhar l-1 ta' Jannar, 1993 residenti Hal Far Tent Village u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19PP-064

U akkuzat talli fis-6 ta' Dicembru, 2020, u fil- jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkunu falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat li l-ufficcjal prosekutur irtira l-ewwel zewgt imputazzjonijiet.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Kunsiderazzonijiet**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant l-imputazzjoni giet sodisfacjentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni bikrija u c-cirkostanzi tal-kaz. Tqis li ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva, madankollu qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u u tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija effettiva. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**